**108. L-Onor. Ugo Mifsud Bonnici u l-Onor. Louis Galea jipproponu:**

Illi din il-Kamra iħassba dwar il-futur tal-edukazzjoni ta' livell għoli f'pajjiżna, bit-theddida ta' passi li jdgħajfu l-istituzzjonijiet ta' tagħlim għoli u jnaqqsu flok ikabbru l-opportunitajiet għal tagħlim ta' livell universitarju, bla xkiel u diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' mezzi, klassi u ideja politika;

TAFFERMA

1) il-ħtieġa għall-komunità Maltija u Għawdxija li dawn l-istituzzjonijiet jiġu msaħħa u żviluppati, u mogħtija l-libertà akkademika biex jitmexxew sewwa; u

2) id-dritt ta' kull Malti u Maltija għall-iżvilupp intellettwali sa fejn huwa kapaċi, skont l-għażla tiegħu, bla xkiel u diskriminazzjoni, bl-għajnuna biex dan jista' jsir; kif ukoll

3) il-prijorità assoluta li għandha tingħata lill-iżvilupp ta' mħuħ u kapaċitajiet f'pajjiż bħal tagħna li l-ikbar riżorsa tiegħu tikkonsisti fin-nies tiegħu stess.

07.02.1978